**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ĦMISTAX**

**22 ta' ĠUNJU, 2016**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppreseda s-seduta.

**MINUTI**

**15.1** ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI***

15.1.1 Ġew approvati l-minuti tal-erbatax –il seduta.

***15.2*** ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA, KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ***

15.2.1 Ġew approvati l-minuti numru 25, tas-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li saret il-bieraħ 21 ta' Ġunju, 2016.

15.2.2 Ġew approvati l-minuti numru 13 tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ.

### *15.3 APPROVAZZJONI tal-minuti tar-Reġjun Nofsinhar*

15.3.1 Ġew approvati l-minuti tar-Reġjun Nofsinhar numru 34.

### *15.4 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*

15.4.1 Is-Sindku rringrazzja lil dawk li taw l-għajnuna tagħhom biex jittellgħu l-attivitajiet ta' Ġieħ iż-Żurrieq u Festa Ħut ta' din is-sena. Hu qal li din is-sena Festa Ħut kienet suċċess iktar minn snin preċedenti u dan kollu grazzi għar-reklamar li sar fuq il-media.
Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Daniel Camilleri li offra display ta' ħut għall-konferenza stampa li saret u lill-Ex Kunsillier Kevin Sam Farrugia tal-għajnuna li ta fl-attivita' ta' Festa Ħut. Kien hemm qbil fuq dan.

15.4.2 Is-Sindku nforma li x-xogħol ta' tarmakk fis-s*ervice road* ta' Vjal il-Blue Grotto tlesta fil-ħin u ta' dan irringrazzja lill-Kunsillier Joseph D'Amato li ħadem ħafna u li kellu ħafna laqgħat fuq il-post.
Is-Sindku nforma li qabbad lill-ħaddiema tal-ETC/IPSL biex jiżbgħu l-kurduna tas-*service road*.
Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa biex jerġgħu jsiru l-parking bays, sabiex it-triq tkun kompluta. Kien hemm qbil fuq dan.
Is-Sindku talab ukoll biex il-Kumitat Amministrattiv ta'Bubaqra jisforza lil Transport Malta biex isiru l-parking bays ukoll fi Triq Fra Gan Marie Zammit. Kien hemm qbil fuq dan.

15.4.3 Is-Sindku nforma li student universitarju s-Sur Brian Gauci, jixtieq jagħmel korsijiet fuq IT bla ħlas liż-Żrieraq, f'Dar Mattia Preti. Dan l-istudent ser jagħmel dawn il-korsijiet bħala parti mill-kors universitarju u ser ikun assistit mill-għalliem tiegħu.

F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Kenneth Farrugia (ħin 18:20)

15.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq it-*traffic management f*i Triq Ħal Far. Hi nfurmat li għalkemm fit-triq hemm tabelli li jindikaw '*No entry for heavy vehicles',* tali tabelli mhumix rregolorazzati minn Transport Malta.

Kien hemm qbil li tintalab li dawn it-tabelli jkunu rregolarizzati minn Transport Malta.

15.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li f'Novembru, fil-Kunsill Lokali ser ikun hawn preżenti żewġ studenti mill-iskola San Benedittu, fuq *career exposure experience.*
Kien hemm qbil li l-istudenti jkunu aċċettati.

15.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba biex fi Triq Bronja/Triq San Mikiel issir zebra crossing u bankina fejn bħalissa qed isir xogħol ta' kostruzzjoni.

Kien hemm qbil li qabel ma jsir ix-xogħol ta' kostruzzjoni kollu u jitneħħew l-inġenji kollha, ma jsir xejn. Dan il-punt jerġa jitqajjem f'seduta oħra.

15.4.7 Is-Sindku qal li ta' kull sena meta l-iScouts jagħtu l-għajnuna tagħhom fl-attivita' ta' Jum iż-Żurrieq/Ġieħ iż-Żurrieq, il-Kunsill jagħtihom donazzjoni. Kien hemm qbil li għal din is-sena ukoll id-donazzjoni tkun ta' €200.

15.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li bħalissa fl-iskola taż-Żurrieq qed jattendu 8 persuni bi bżonnijiet speċjali u l-ġenituri tagħhom qed isibuha diffiċli ħafna biex isibu parkeġġ. Kien hemm qbil li jintalab biex isir parkeġġ ieħor rregolarizzat bil-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tal-iskola fi Triq Stiefnu Zerafa (fil-ġenb tal-iskola).
Kien hemm qbil ukoll li tintalab l-approvazzjoni tat-TM biex jitneħħa il-parkeġġ tat-*taxi* f'Misraħ Mattia Preti.

15.4.6 Is-Sindku ressaq ilment minn resident fi Triq Arturu Dimech biex isir tul ta' metru yellow line fil-ġemb tal-garaxx tiegħu. Kien hemm qbil li l-każ ikun iċċekjat.

F'dan il-ħin daħal għas-seduta l-Kunsillier Dino Bonnici (ħin 18:30)

15.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet Memorandum Agreement mibgħut minn District Operations Ltd, fejn ġiet mitluba tiffirma għall-ħaddiema assenjati mal-Kunsill mill-ETC. Fost ir-regolamenti ta' dan il-memorandum hemm li l-persuni assenjati mal-Kunsill iridu:

- jaħdmu 40 siegħa fil-ġimgħa
- it-time sheet trid tkun iffirmata fid-dħul u ħruġ ta' kuljum
- il-Kunsill iħallas għall-overtime fejn ikun il-bżonn
- ikunu ntitolati għal-leave u sick leave
- intitolati għal performance bonus ta' 5% fis-sena imħallsa mill-Kunsill Lokali

- il-Kunsill ikun inkarigat li jipprovdi għall-health and safety tal-ħaddiem

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jħossu urtat li l-Kunsill ġie impost fuqu dan il-Memorandum mingħajr lanqas ġie kkonsultat. Hu qal li l-maġġoranza tal-Kunsilliera lanqas jafu x'tip ta' xogħol jagħmlu dawn il-ħaddiema u lanqas qatt rawhom.

Il-Kunsillier David Abdilla qal li meta l-Kunsill stieden lil dawn il-ħaddiema għas-seduta tal-Kunsill, lanqas biss attendew u njoraw lill-Kunsill kompletament.

Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li minn dan il-Memorandum ser joħroġ li l-Kunsill ser ikun involut fi spejjeż li ma kienx jaf bihom qabel u li ma kienux maħsubin fil-budget. Dan barra r-responsabilita li ser ikollha s-Segretarju Eżekuttiv meta tiffirma li tali ħaddiema qed jaħdmu 40 siegħa.

Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li kull darba li fittex lill-ħaddiema qatt ma sabhom fuq xogħlhom.

Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li ġaladarba s-Segretarju Eżekuttiv ser tkun responsabbli għall-iffirmar tal-Memorandum Agreement, għandha tara hi jekk hemmx bżonn tali ħaddiema mal-Kunsill, u l-ħinijiet li qed jaħdmu.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif jaf il-Kunsill kollu, dawn il-ħaddiema qatt ma jaħdmu 40 siegħa fil-ġimgħa u għalhekk hi mhux ser tiffirma dan il-memorandum għal-ħaddiema kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wieħed mill-ħaddiema s-Sur Simon Mangion jagħti servizz sodisfaċenti u meta tkelmet miegħu, hu aċċetta li jaħdem b'dawn il-kundizzjonijiet u li jiżdiedlu x-xogħol, għalhekk hi lesta li tiffirma għal dan il-ħaddiem biss.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġaladarba dan il-ħaddiem ser ikun responsabilta' tal-Kunsill, l-Kunsill irid jixtri uniformi u dak kollu meħtieġ fil-health and safety tal-impjegat.

Kien hemm qbil fuq dan kollu u li d-District Operations Ltd ikun infurmati li l-Kunsill m'għandux bżonn is-servizz tas-Sinjuri Muscat, Grixti u Curmi, u li l-Kunsll ser iżomm ħaddiem wieħed biss assenjat mill-ETC, li hu s-Sur Simon Mangion.

***15.5*** ***Proġett ta' Siġar – Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta (kien preżenti s-Sur Oswaldo Pace)***

15.5.1 Is-Sur Oswaldo Pace ma attendix għas-seduta minħabba li kien ma jiflaħx.

***15.6*** **Estensjoni ta' kuntratti:**

**CM67/07/15 – Contract Management Services**
**DR67/02/14 – Collection of Mixed Household Waste from the Zurrieq Locality, in an Environmentally Friendly Manner**
**LEG67/06/15 – Legal Consultant Services**

15.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill il-kuntratti ndikati wasallhom iż-żmien biex jiġu mġedda.

Kien hemm qbil li tali kuntratti jiġġeddu b'sena oħra.

***15.7*** ***Polza – Gabbani tal-Festa***

15.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li minħabba li bejjiegħ tal-gabbana tal-festa ma kienx konformi mar-regolamenti, għal festa tal-Madonna tal-Karmnu hemm post vakant. Tali post irid jimtela bil-polza minn fost dawk li applikaw. Kienu tliet persuni li applikaw - Steve Bezzina, John Galdes u Joseph Cardona.

Dan il-ħin ittellgħet il-polza u l-post ġie mimli minn John Galdes. Is-Sur Galdes inzerta kien preżenti jara l-polza tittella.

***15.8*** ***Approvazzjoni – Mwejjed u Siġġijiet***

15.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni il-lista tas-sidien tal-gabbani u dawk li jarmaw bl-imwejjed u siġġijiet, li applikaw għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Dawn ġew approvati.

Kien hemm qbil li għal din is-sena l-Kunsill iħallas għas-servizz tal-Pulizija biex tispezzjona l-gabbani u tara li jkunu skont il-liġi u tneħħi lil dawk li ma jkunux konformi, filwaqt li toħroġ rapport lill-Kunsill. Kien hemm qbil li l-pulizija jiġu ordnati biex jagħtu servizz il-Ġimgħa u l-Ħadd tal-festa.

Kien hemm qbil li jerġgħu jiġu mmarkati l-posti tal-gabbani.

***15.9 Approvazzjoni:Xogħlijiet u Servizzi***

15.9.1 Is-Sindku qal li hemm bżonn li ssir 'keep clear' quddiem Sqaq il-Warda, biex ma jkunx ostakolat mill-vetturi, minħabba li fil-viċinanzi hemm persuni bi bżonnijiet speċjali li jużaw is-siġġu tar-roti.
Kien hemm qbil fuq dan.

15.9.2 Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ressqet ilment minn residenti li xtaqu li t-tabella 'No stopping except for residents' li tinsab fi Sqaq il-Fjuri tinbidel għal ' No parking except for residents'.
Wara diskussjoni li l-vetturi m'għandhomx jostakolaw l-isqaq, kien hemm qbil li hi flimkien mal-Kunsillier inkarigat David Abdilla jmorru jaraw il-każ fuq il-post.

15.9.3 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia talab biex jinqata' l-ħaxix minn Triq il-Qortin u minn Sqaq Oswarju għax għadu ma nqatax.
Kien hemm qbil li jiġi ordnat ix-xogħol.

15.9.4 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia talab biex issir drop kerb fi Triq Ta' Ciantar. Dettalji tal-indirizz ser iġibhom aktar tard.

15.9.5 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia talab biex tissema triq għas-Sur Costantino Farrugia. Il-Kunsillier ġie nfurmat li tali isem kien diġa ntbagħat lill-Bord tal-ismijiet tat-toroq.

15.9.6 Il-Kunsillier Joseph D'Amato talab biex jinqata l-ħaxix minn Sqaq tal-Massar fi Triq Ħal Far.

15.9.7 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jiskuża ruħu li għall-aħħar żewġ seduti ma setgħax jattendi minħabba kors ta' Kana li kellu jagħmel, u skuża ruħu li daħal għal din is-seduta ftit tard wara li ġew approvati l-minuti.

Il-Kunsillier Dino Bonnici ressaq għall-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv li fuq punt 14.4.8 tal-aħħar seduta, hu jiddisassoċja ruħu mit-tombli li qed jorganizza l-Kunsill fl-attivitajiet tiegħu.
F'dan il-punt reġgħet qamet diskussjoni u l-Kunsillier David Abdilla talab lis-Segretarju Eżekuttiv tieħu linja gwida mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.
Kien hemm qbil fuq dan.

15.9.8 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa lis-Sindku jekk kellux xi risposta fuq l-art ta' Triq G M Callus li l-Kunsill ġie mwiegħed li jingħata mid-Dipartiment tal-Artijiet. Is-Sindku wieġeb li ma kellux risposta.

F'dan il-punt il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jħossu urtat kif is-Sindku ma jużax il-poteri tiegħu biex jagħmel pressjoni fuq dan il-każ, meta l-Kunsill ħallas ammont kbir ta' flus lill-MEPA biex jibda l-proġett.

Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv titlob lill-Onorevoli Deborah Schembri (li rappreżentanza tal-Kunsill kellha laqgħa magħha fuq il-każ) biex tara t-talba tal-Kunsill fejn waslet.

15.9.9 Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa biex parti minn Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa fi Triq Bronja, il-Kunsill jagħmilha b'turf atrifiċjali sabiex tkun tista tintuża mit tfal, biex jilgħabu bil-ballun.
Kulħadd qabel li fiż-Żurrieq hawn bżonn ta' art fejn it-tfal ikunu jistgħu jilgħabu l-ballun, imma ma kienx hemm qbil li dan il-post ikun fi Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa, minħabba l-istorbju li jagħmlu t-tfal u minħabba s-sigurta tagħhom stess.

Il-Kunsillier David Abdilla ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jidħol bi sħab maż-Żurrieq FC biex il-grawnd f'Tal Bebbux jibda jintuża mit-tfal li mhumiex membri fil-klabb. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li għandu jara l-ftehim li hemm bejn iż-Żurrieq FC u l-KMS/SportsMalta fuq dan il-grawnd.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jikteb fuq il-grawnd tal-boċċi li hemm fl-akwata tal-Bebbux u li bħalissa jinsab żdingat, biex jieħdu l-Kunsill u jirranġah ħalli jkun utilizzat.

15.9.10 Il-Kunsillier Dino Bonnici nforma lill-Kunsill, li fiż-Żurrieq ġej l-ex player taż-Żurrieq FC, li kien parti mit-team li rebaħ it-trophy fis-sena 1985, is-Sur Adelmo Parez. Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li fl-1 ta' Lulju, dan il-player jiġi mistieden fil-Kunsill u jingħata tifkiera tal-okkażjoni.

Kien hemm qbil fuq dan.

***15.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI***

15.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 1** għall-ammont totali ta' €31583.39.

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Ignatius Farrugia, mill-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia.

***15.12 DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS***

15.12.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar t-Tlieta 26ta' Lulju, 2016 fis-6.30ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 26 ta' Lulju, 2016.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Ignatius Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |